IX-XGHAJRA

Minuti tal- laqgħa Nru.1(Wieħed) tas-Seba' Legislatura tal-Kunsill Lokali tax-Xgħajra li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 2 t'April, 2012 fit-3.00pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony R.Valvo |
| Viċi Sindku | Attard Neil |
| Kunsilliera | Borg Mary Doris |
| | Buttigieg Antonia |
| | Azzopardi Joseph |
| **L-Uffiċċjali:** | |
| Is-Segretarju | Ranier Busuttil |

1. Item Nru 1 fuq l-aġenda –Kullħadd preżenti. Is-Sindku ppresedja l-Laqgħa.

2. Item Nru 2 fuq l-aġenda – Ħatra ta' Sindku

2.1 Il-Kunsill unanimament qabel w approva s-Sur Anthony R. Valvo bħala Sindku tal-Kunsill il-ġdid.

3. Item Nru 3 fuq l-aġenda – Ħatra ta' Viċi Sidku

3.1 Il-Kunsill qabel unanimament w approva s-Sur Neil Attard bħala Viċi Sindku ta' dan il-Kunsill.

4. Item Nru 4 fuq l-aġenda – Diskors tas-Sindku

4.1 Is-Sindku ferah lil kulħadd tal-ħatra l-ġdida tagħhom. Is-Sur Valvo qal li issa għandhom ikunu kburin li ser iservu r-residenti tax-Xgħajra kif ukoll ikunu paċenzjużi għal kull ilment li jista' jkollhom.

Is-Sindku qal li x-xogħol tal-Kunsill mhux intens daqskemm huwa ntens f'kunsilli kbar, pero' jirrikjedi ħafna xogħol ukoll. Is-Sur Valvo kompla u qal li hu ilu jokkupa din il-kariga mis-sena 2000 u ried jistqarr li mhux faċli li b'allokazzjoni ta' €160,000 biss tmexxi Kunsill bħal tagħna. Is-Sindku qal ukoll li mill-allokazzjoni l-Kunsill

irid iħallas madwar €70,000 f'amminstrazzjoni u pagi, madwar €2,900 fix-xahar fuq ġbir ta' skart u kuntratti oħra li fl-aħħar tas-sena nispiċċaw b'shortfalls li jammontaw għal madwar €21,000 fis-sena.

Is-Sindku qal li għandna problema fuq il-pagi u li d-Dipartiment huwa konsapevoli minnha. Is-sena l-oħra d-Dipartiment għaddielna €5,900 sabiex ipatti għal din id-diskrepanza pero' kien aggustament ta' sena waħda biss. Huwa qal li l-formula tal-Allokazzjoni hija antika u m'għadiex applikabbli għaż-żminijiet tal-llum.

5. Item Nru 5 fuq l-aġenda: Dekasteri tal-Kunsilliera

5.1 Is-Sindku ppreżenta u qara d-dekasteri tal-Kunsilliera u qal li kull Kunsillier minbarra dak li għandu fuq id-dekasteru tiegħu irid xorta jipparteċipa f'kull ma jista' jinqala' madwar ix-Xgħajra. Is-Sur Valvo qal ukoll li ħadd ma jista' jaġixxi waħdu mingħajr l-approvazzjoni tal-Kunsill.

6. Item Nru 6 fuq l-Aġenda – Affarijiet oħra

6.1 Is-Segretarju ppreżenta l-att dwar il-Kunsill Lokali kif ukoll il-Kodiċi t'Etika lil Kunsilliera sabiex kulħadd jistudjhom sew u kulħadd ikun jaf kif għandu jkun qadi sewwa ta' Kunsill Lokali.

.

7. Item Nru 7 fuq l-Aġenda - Aġġornament

7.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal-Ħamis, 11 t'April, 2013 fit-3.00pm

, .

____________________________ ____________________________

Segretarju Eżekuttiv Sindku

Kunsill Lokali tax-Xgħajra
Delle Grazie Batterija
Triq Dwardu Ellul
ix-Xgħajra XJR1360 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

Kunsill Lokali tax-Xgħajra
Delle Grazie Batterija
Triq Dwardu Ellul
ix-Xgħajra XJR1360 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt